SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville**

## Laqgħa Nru. 33/KA2/17

26 ta' Settembru 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa – Viċi-Ċermen
Richard Scicluna – Membru

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (2)**

Il-Membru Maria Dolores Falzon u l-Membru Joe Oliva infurmaw lill-Kumitat li ma setgħux jattendu għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Is-Sindku Guido Dalli ma setax jattendi minħabba li kellu laqgħa oħra.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**33.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

33.01.01 Il-Membru Maria Dolores Falzon u il-Membru Joe Oliva nfurmaw lill-Kumitat Amministrattiv li ma setawx jattendu minħabba raġunijiet personali għalhekk ġew skużati.

**33.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

33.02.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 29/KA2/17, Min. 29a/KA2/17 Min. 30/KA2/17 Min. 31/KA2/17 u Min. 32/KA2/17, għall-approvazzjoni.

33.02.02 Il-Membru Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

33.02.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

33.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**33.03 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

33.03.01 Is-Segretarju nforma lill-Kumitat, li l-bieraħ saret waqt il-laqgħa tal-Kunsill kien hemm persuna li bdiet tagħti xi suġġerimenti u l-problemi li hemm ġewwa Paceville fosthom kif ġiet is-sistema l-ġdida li minn Triq San Ġorġ toħroġ għal Triq Sant'Andrija. Is-Segretarju ta spjegazzjoni li din saret min-naħa tat-Transport Malta minħabba li Triq il-Knisja kienet l-unika ħruġ minn Paceville.

33.03.02 Il-Kumitat ġie nfurmat li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Michael Cohen dwar l-issues pendenti li kellna mat-Transport Malta ġewwa Paceville fejn dawn qed jiġu diskussi. Waħda mill-*issues* li ġiet diskussa hija *ż-zebra crossing* li hemm fi Triq Ross.

**33.04 Talbiet żgħar**

33.04.01 Ma kien hemm l-ebda talbiet żgħar

**33.05 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2017**

33.05.01 Il-Kumitat Amminsitrattiv ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2017.

33.05.02 Wara diskussjoni qasira, il-Kumitat approva r-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2017.

**33.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

33.06.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P512 sa nru. P529 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'A')

33.06.02 Il-Membru Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

33.06.03 Il-Membru Richard Scilcuna ssekondah.

33.06.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**33.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

33.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

33.07.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

33.07.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

33.07.04 Il-pagamenti ġew approvati.

**33.08 Materji oħra**

33.08.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li faċċata ta' Aragon House fi Triq Dragonara hemm *alighting and boarding*. Huwa ssuġġerixxa li mat-Transport Malta biex niċċekjaw jekk hemmx permess għal din l-*alighting and boarding.*

**33.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

33.9.01 Il-laqgħa ntemmet fil-4.40p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 01 ta' Novembru 2017.

Konfermati, illum il-Erbgħa 01 ta' Novembru 2017.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**